MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta tas-16 ta' Settembru, 2005

Talba Numru. 990/2004

**Mary Anne Brincat**

**vs**

**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami li b'digriet tas-16 ta' Gunju 2004 gie nominat kuratur deputat sabiex jirraprezenta lill-imsiefra Carmen Pagliaricci**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-7 ta' Mejju 2004 fejn gie mitlub li l-konvneuta tigi kkundannata thallas lill-attrici s-somma ta' elf, erba' mija u disgha u disghin lira Maltin u ghoxrin centezmu (Lm1,499.20) rapprezentanti spejjes li sborsat l-attrici mal-Bank of Valletta plc u n-Nutar Anthony Grech Trapani sabiex inharget garanzija bankarja favur il-konvenuta biex seta' jigi ottenut kontro-mandat ghal mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 4304/93 mahrug fuq talba tal-konvenuta; u sabiex l-istess garanzija bankarja inzammet fis-sehh matul il-kawza fl-ismijiet 'Carmen Pagliaricii et vs Mary Anne Brincat'

(Citaz. Nru 1276/93GC) liema kawza giet deciza favor l-attrici odjerna bl-ispejjes kontra l-konvenuta odjerna sija fil-prim’istanza, u cioe’ fit-2 ta’ Gunju 2000 u sija mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Mejju 2003.

Ra r-Rispsota tal-kuratur deputat fejn huwa eccepixxa li m’huwiex edott mill-fatti li taw lok ghal din it-talba u jirirserva li jipprezenta nota ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Ra r-Risposta ulterjuri tal-kuratur deputat fejn gie eccepit li t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li l-assenti Carmen Pagliaricci agixxiet in buona fede meta hija harget il-Mandat ta’ Sekwestru kawtelatorju numru 4304/93 u ghaldaqstant l-ammont mitlub mill-attrici m’huwiex dovut.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema’ x-xhieda tal-attrici, tal-Avukat Dottor Albert Libreri, ta’ Claire Sammut u tal-Professur Ian Refalo. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema’ t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-ammont mitlub mill-attrici f’din il-kawza jirrigwarda spejjes minnha inkorsi sabiex inharget garanzija bankarja favor il-konvenuta sabiex ikun jista’ jinhareg kontro-mandat ghal mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 4304/93 mahrug fuq talba tal-konvenuta. L-istess konvenuta kienet ukoll intavolat kawza kontra l-attrici odjerna (Carmen Pagliaricci et vs Mary Anne Brincat) fejn talbet ir-rexissjoni ta’ kuntrattt ta’ bejgh liema kawza giet deciza favur l-attrici odjerna l-ewwel mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili fil-2 ta’ Gunju 2000 u susuegwentement din is-sentenza kienet giet konfermata mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta’ Mejju 2003. Il-garanzija bankarja mahruga mill-Bank of Valletta plc baqghet fis-sehh sakemm l-imsemmija kawza giet finalment deciza u l-ammont mitlub mill-attrici fil-kawza odjerna jirrigwarda propjru dawn l-ispejjes li hija inkorriet sabiex tinhareg il-garanzija bankarja u mbaghad

sabiex l-istess garanzija bankarja tibqa' fis-sehh tul l-andament tal-kawza. L-imsemmija kawza kienet giet deciza favur l-attrici odjerna fiz-zewg istanzi bl-ispejjes izda peress li l-ispejjes li qed jintalbu f'din il-kawza ma kienux spejjes gudizzjarji dawn ma kienux inkluzi fit-taxxa li nharget mirr-registru tal-Qrati Superjuri u minn dak tal-Appell.

L-azzjoni attrici hija ghalhekk talba ghad-danni li l-attrici inkorriet minhabba l-hrug tal-mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfronti taghha fuq talba tal-konvenuta kif jipprovdi l-Artikolu 838(9) tal-Kap. 12.

It-Tribunal ser jaghmel referenza ghal sentenza tas-7 ta' Lulju 2004 fil-kawza fl-simijiet **Blye Engineering Limited vs Paolo Bonnici Limited** fejn il-Prim'Awla tal-Qorti Civili qalet is-segwenti:-

*"Il-principju assodat mill-gurisprudernza lokali hija li ezercizzju ta' dritt ma jista' qatt iwassal ghar-responsabilita' gha-danni sakemm dak id-dritt ma jkunx abbuzat u jkun ezercitat fil-limiti permissibbli mill-ligi. Ghalhekk gie deciz li min jiftah kawza u jitlifha ma jkunx responsabbli ghad-danni, sakemm il-ftuh tal-kawza ma jkunx sar b'mod vessatorju. Huwa biss meta persuna tagixxi kapriccjosament jew b'mala fede li hija tista' tkun responsabbli ghad-danni li jsegwu l-agir irresponsabbli taghha.*
*Filwaqt li c-cirkostanzi ta' meta min ikun hareg manadat kawtelatorju jinstab responsabbli ghad-danni mhux limitati ghal dak provdut fl-Artikolu 836 (9) tal-Kap. 12, ir-responsabiltia trid tohrog mill-applikazzjoni tal-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili (Kap. 16), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias.*
*Il-fatt li t-talba ta' min ipprovoka l-proceduri tigi mcihuda mill-Qorti bl-ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru wkoll li l-ligi hija soggetta ghal diversi nterpretazzjonijiet li l-partijiet jafdaw fil-gudikant sabix jinterpreta u jiddeciedi dwarhom.*

*Tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' naxxetni minn mala fede jew dolo jew almenu negligenza gravement kolpuza fejn min ikun adixxa lill-Qorti ghal hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti nieqsa minn kull fondament kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u b'hekk il-procedura promossa tirrizulta vessatorja. Izda apprezzament zbaljat tal-fatti u tal-konsegwenzi giuridici derivanti mill-istess mhux bizzejjed sabiex tigi legittimata talba ghad-danni mill-parti rebbieha tal-kawza".*

IT-Tribunal iccita brani ampji mill-imsmemija sentenza ghaliex fiha wehed isib esposizzjoni ezawrjenti u konklusiva dwar ir-rekwiziti u n-natura tal-azzjoni ghad-danni ai termini tal-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12.

Minn dak l qalet il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-imsmemija sentenza jirrizulta li sabiex tirnexxi azzjoni ghad-danni taht l-Artikolu 836(9) tal-Kap. 12 min jiproponi l-azzjoni irid jipprova il-malafede, il-vessaorjejeta' jew almenu negligenza gravement kolpuza fl-agir tal-konvenut fil-mument li dan tal-ahhar ikun talab il-hrug tal-mandat kawtelatorju u ezercita d-dritt li pretenda li kelu billi intavola kawza. Fil-kawza odjerna it-Tribunal jidhirlu li l-attrici naqset mill-tipprova li kienu jezistu dawn l-elementi fl-agir tal-konvenuta meta din tal-ahhar prezentat il-mandat kawtelatorju.. Kull ma rrizulta mill-provi prodotti mill-attrici kien li nhareg mandat ta' qbid kawtelatorju, li nhareg kontro-mandat ghal dan il-mandat kawtelatorju peress li inharget garanzija bankarja favur il-konvenuta, u li l-kawza proposta mill-konvenuta kienet giet deciza favur l-attrici odjerna. L-attrici izda naqset milli tipprova li l-konvenuta agixxiet in mala fede jew b'mod vessatorju fil-mument li talbet il-hrug tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju. Mix-xhieda tal-Professur Ian Refalo, li kien il-konsulent legali tal-konvenuta rriizulta li fil-mument li l-attrici talbet il-hrug tal-mandat kawtelatorju hija kelllha parir legali li l-pretensjonijiet taghha kontra l-attrici odjerna kienu fondati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-sipejjes jithallsu nterament mill-attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------